MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Appell Kriminali Numru. 230/2013

Il-Pulizija

(Spettur Johann J. Fenech)

vs

**Christopher Azzopardi**

iben Francis, imwieled Pieta', fid-9 ta' Mejju, 1981, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 232681(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Christopher Azzopardi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-18 ta' Lulju 2009 u matul it-tnax-il xahar ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u is-6 Taqsima ta l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-

pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292 ta' l-1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, *liema droga nstabet f tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu*.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Mejju, 2013 fejn il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u għaldaqstant illiberatu mill-akkuża kontrih.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali tat-28 ta' Mejju, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-kaz u tanalizza l-liġi kif debitament applikabbli, issib lill-appellat ħati tal-akkużi kif dedotti kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena adegwata skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza liberatorja taghha hawn fuq riferita, *inter alia,* għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-liġi relevanti u tal-provi pertinenti għall-mertu ta' dan il-każ, li fil-fatt wasslet għall-ħelsien tal-imputat mill-imputazzjoni unika kif miġjuba kontrih, u dan għar-raġunijiet segwenti :

Illi fl-ewwel lok jingħad b'kull rispett illi l-ewwel Qorti kkonfondiet l-elementi tat-traffikar ma dawk tal-pussess aggravat allavolja kif rikonoxxut minnha stess dawn ir-reati huma distinti minn xulxin u għandhom elementi differenti wkoll. Anki b'referenza għas-sentenzi kkwotati mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha stess, l-esponent kien pjuttost sorpriz bl-interpretazzjoni mogħtija minn l-istess Qorti ta' fiex jikkonsisti l-pussess aggravat u l-interpretazzjoni tal-provi miġjuba bħala riflessjoni ta' traffikar b'liema reat l-appellat qatt ma ġie akkużat f'dawn il-proċeduri.

Illi tajjeb allura li l-ewwel u qabel kollox tiġi riflessa u analiżżata d-definizzjoni ta' traffikar u b'hekk jista' jiġi stabbilit kif dan ir-reat essenzjalment u kuntrarjament għal dak konkluz mill-ewwel Qorti ma jinkwadrax f'dak li seħħ hawnhekk u li fil-fatt ir-reat pertinenti kien u dejjem baqa' dak tal-pussess mhux għall-użu esklussiv tal-ħati kif debitament akkużat mill-prosekuzzjoni.

L-artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jinqara kif ġej :

**(**1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza….

Minn analizi taċ-ċirkostanzi msemmija u b'referenza għall-provi kif miġjuba kontra l-appellat u kif debitament ammessi minnu jidher li l-appellat instab fil-pussess tad-droga eroina li skont kliemu stess ma kienitx intenzjonata għaliħ iżda għal terzi. Filwaqt li fl-umli fehma tas-sottoskritta dan ċarament jidħol fid-dettami tal-pussess mhux għall-użu esklusiv jinghad għall-kompletezza li l-ebda waħda mix-xenajri kif esposti fid-definizzjoni tat-traffikar kif hawn fuq ikkwotata ma tista tinkwadra fl-azzjonijiet tal-akkużat. Jinghad ukoll għall-kjarezza u għal kull buon fini u sabiex ma jkun hemm l-ebda misinterpretazzjoni bla bzonn illi kemm id-distribuzzjoni kif ukoll il-provvista tad-droga trid tkun effettivament saret u mhux għada ser issir kif jidher li kien il-każ hawnhekk. Inoltre, l-offerta biex issir din il-provvista u/jew distribuzzjoni da parti tal-appellat lil ħuħ b'kull rispett u minn kliem l-appellat stess ma tirriżultax peress li skont l-istess appellat kien ħuħ li talbu biex jipprovdilu din id-droga u mhux l-appellat li offra li jipprovdijielu. Jerġa jinghad li l-fatt waħdu li kellu l-pussess tal-eroina u li din kienet sempliċiment intenzjonata għal ħuħ ma tistax tiġi definita bħala traffikar (peress li l-att tal-provvista kienet għada mhux kompjuta) izda tidħol fl-elementi tal-pussess aggravat u dan indipendetement mill-quantum tad-droga misjuba.

Illi b'referenza għas-sentenza kkwotata mill-Qorti, senjatament Il-Pulizija vs Marvin Cachia[1], mill-estratt ikkwotat mill-ewwel Qorti stess dak hawn fuq sottomess jiġi kkonfermat u ċioe' li t-traffikar f'forma jew oħra irid ikun effettivament sar jew ġie kompjut biex jissussisti. Fil-fatt kif ġie hemm ikkwotat *'anki jekk wieħed iħalli d-droga f'post aċċessibbli għal terzi u fejn jaf li x'aktarx ser tittieħed minn ħaddieħor u din effettivament hekk tittieħed, ikun hemm it-traffikar[2].'* Kwindi mhux bizzejjed li d-droga titħalla f'post aċċessibli għal terza persuna iżda li hu effettivament joħodha minn hemmhekk. Dan indubjament ma jistax japplika għal każ kurrenti peress li d-droga instabet waqt li l-appellat kien fil-vettura tiegħu waħdu u din ġiet elevata mill-pulizija li kienet qed tinvestiga f'dak il-waqt u f'ebda mument ma kienet aċċessibli għal ħu l-appellat sabiex ikun f'posizzjoni li joħodha.

Illi b'hekk u finalment jekk issa nduru lejn dak definit bħala pussess mhux għall-uzu esklussiv kif fil-fatt l-appellat ġie debitament akkużat u liema reat jinstab dispost fl-artikolu 22(2)(a)(i) fil-każ meta l-Qorti kompetenti hija l-Qorti Kriminali u fl-artikolu 22(2)(b)(i) meta l-Qorti kompetenti sabiex tisma u taqta' l-każ hija l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta Ġudikatura Kriminali ma jidhirx mill-korp tas-sentenza li l-ewwel Qorti kellha xi dubbju dwar jekk din id-droga kinitx intenzjonata għal terzi. Fil-fatt il-Qorti straħet fuq il-verzjoni tal-appellat u fuq dik tal-prosekuzzjoni konsiderando li l-appellat stess fuq il-pedana tax-xhieda quddiema kkonferma li fil-fatt din kienet intenzjonata għal ħuħ. Għaldaqstant il-Qorti ma kelliex triq oħra għajr li ssib lill-imputat qua l-appellat ħati tal-akkuża kif miġjuba kontriħ tal-pussess tal-eroina mhux għall-uzu esklussiv tiegħu. Jinghad ukoll għal kompletezza u għal kull buon fini li d-difiza fl-ewwel istanza qatt ma kkontendiet li ir-reat de quo kellu jkun dak ta' traffikar iżda irriteniet li r-reat kellu jkun dak ta' *trafficking by sharing* fejn l-ewwel Qorti korrettment skartat din it-tezi fit-totalita' tagħha peress illi minn imkien ma rriżultat li l-appellat kien qed jieħu d-droga fl-istess post u fl-istess waqt li jkun qed jikkunsmha hu ma persuna jew persuni oħra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

[1] Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) – 26 ta' Awwissu 1998 – folio 38 tal-atti proċesswali jew folio 4 tas-sentenza debitament appellata.

[2] Enfazi tal-appellant.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.
F’dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef; kollha appelli kriminali.
Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi mill-provi prodotti dan il-kaz ghandu fattispecie partikolari. L-appellat kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll fix-xhieda quddiem l-ewwel Qorti dejjem zamm ferm it-tezi li hu kien ikkonsma parti mid-droga msemmija u kellu siringa lesta ghal huh meta dan ta' l-ahhar jirritorna mix-xoghol. F'dawn il-proceduri, il-prosekuzzjoni ma ressqitx lil hu l-appellat, wisq anqas kellmitu. Ghalhekk, il-provi li hemm huma li l-pulizija sabu lill-appellat fil-vettura tieghu. F'din il-vettura sabu siringa vojta u ohra mimlija.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li l-appellat dak iz-zmien, jigifieri f'Lulju tas-sena 2009 kien ilu dipendenti fuq dan il-vizzju ghal erba' snin. Hu kien jikkonsma din id-droga fil-

'week end' generalment. Illum, jidher li hu eghleb dan il-vizzju u ghadu jmur ghal-laqghat regolari, wara li kien ghamel kors residenzjali.

Illi fil-fehma tal-ewwel Qorti dan ix-xenarju jinkwadra fl-ebda wahda mix-xenarji esposti fis-definizzjoni ta' traffikar u ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti qatt ma setghat tasal ghall-konkluzjoni li l-azzjoni tal-appellat ghandha tigi konsiderata bhala traffikar u ghalhekk kellu jigi liberat mill-akkuza migjuba kontra tieghu. Ma tirrizultax li l-appellat kien offra d-droga jew offra li jipprovdi d-droga lil huh. Kien l-appellat li qal li huh talbu biex ifornielu d-droga. Ma jistax jinghad li l-fatt wahdu li kellu l-pussess tal-eroina u li din kienet semplicement intenzjonata ghal huh ma tistax tigi definita bhala traffikar. L-att tal-provvista kienet ghada mhux kompjuta. Ghandu jinghad li f'dan il-kaz l-eroina fl-ebda mument ma kienet accessibbli ghal hu l-appellat biex ikun f'pozizzjoni li johodha.

Illi meta wiehed janalizza l-fatt li l-pulizija qatt ma kellmu lill-hu l-appellat biex jikkontrollaw jekk verament dik kienet l-intenzjoni ta' l-appellat ihalli dubju jekk dak li qal l-appellat hi verament il-verita' tal-fatt jew il-vertia' kif kien qed jahsibha hu.

Illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hu car li l-appellat ghandu jinsab hati ta' pussess tad-droga eroina minghajr l-aggravanti mitluba.
Illi l-appellat illum, eghleb il-vizzju tieghu, ghandu hajja stabbli u il-fedina penali tieghu hi netta. Ghalhekk dawn il-fatturi ser jittiehdu in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Issib lill-appellat Christopher Azzopardi hati li kien fil-pussess tad-droga eroina. Rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja101.02 u fid-dawl tal-kosiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u bl'applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------